

## EUPL v.1.1

### Preambolu

Il-Liċenzja Pubblika ta' l-Unjoni Ewropea (“European Union Public Licence -EUPL”) meħmuża għet elaborata fil-qafas ta' l-IDABC, programm tal-Komunità Ewropea, bil-għan li jippromwovi t-Twassil Interoperabbli tas-Servizzi ta' *eGovernmnet* Ewropej lill-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, in-Negozji u ċ-Ċittadini. L-IDABC jkompli u japprofondixxi l-programm IDA ta' qabel (“Bdil ta *data* bejn l-Amministrazzjonijiet”)

Applikazzjonijiet ta' softwer, bħas-CIRCA, *groupware* sabiex id-dokumenti jinqasmu bejn gruppi magħluqa ta' utenti (*closed user groups*), IPM, għodda li tgħin l-amministrazzjonijiet inaqqsu d-distakk bejniethom u bejn il-partijiet interessati billi jipprovdu biċċa għodda b'saħħitha, iżda faċli biex tintuża, għall-konsultazzjoni diretta ma' l-internet, jew e-link, għodda li tinkludi l-identifikazzjoni ta' servizzi remoti u l-provvediment ta' servizzi affidabbli u sikuri tat-twassil ta' messaġġi fuq infrastruttura ta' netwerk, li żviluppa f'qafas tal-programm IDA jew IDABC. Il-Komunità Ewropea, abbażi tal-kuntratti li ppermettew l-iżvilupp ta' softwer bħal dan, hija d-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u konsegwentement tas-*source code* u ta' l-*executables*.

Għodod bħal dawn żviluppata mill-IDA jew mill-IDABC jintużaw mill-amministrazzjonijiet pubbliċi barra mill-Istituzzjonijiet Ewropej, taħt liċenzja maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea, li hija l-Istituzzjoni li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea, peress li d-dritt ta' l-awtur għal daww l-għodod jappartjeni lil din ta' l-aħħar. Għal xi żmien ilu jżjed l-interess fil-pubblikazzjoni tas-*source code* tas-softwer taħt liċenzja li ma tillimitax l-aċċess u l-modifikazzjonijiet tas-*source code*.

Il-liċenzja EUPL oriġinali għet stabbilita għal softwer bħal dan, kif jikkorrispondi għall-miri ta' l-IDABC. Il-liċenzja hija miktuba f'termini ġenerali u tista' għalhekk tintuża għal xogħol derivattiv, jew għal xogħlijiet oħra u minn liċenzjaturi oħra.

L-utilità ta' din il-liċenzja hija biex issaħħaħ l-interoperabilità legali billi tadotta qafas komuni sabiex softwer tas-settur pubbliku jintuża minn kullħadd.

Dan il-preambolu mhux parti mill-Liċenzja EUPL.

---